# BINI — OPRI ĠODDA U XOGĦOL TA' RESTAWR FIL-KOLLEĠĠJATA ELENJANA (1860 — 1906)

Fl-ewwel ħarġa ta' dan il-ktejjeb programm ta' l-1975, kont ktibt artiklu bl-isem ta' "Il-Festa ta' Sant' Elena u Opri Ġodda fil-Kolleġġjata Elenjana (1859 — 1889), li fih tajt tagħrif dwar il-festa ta' Sant Elena u opri ġodda fil-kolleġġjata Elenjana f'dak il-perijodu, filwaqt li fir-rivista "Ġabra Storika Elenjana" (1975) tajt tagħrif dwar it-tużżell u l-ewwel żewġ qniepen kbar. F'dan l-artiklu se nagħti tagħrif dwar xogħol ta' bini u restawr u opri ġodda fil-kolleġġjata ta' B'Kara bejn l-1860 u l-1906, li fih, biex ma jkunx hemm ripetizzjoni, mhux se ninkludi t-tagħrif li nkludejt fir-rivisti fuq imsemmija.

## BINI

Il-Knisja Kolleġġjata ta' B'Kara bdiet tinbena fl-1727. Tbierket u bdiet tiffunzjona bħala parroċċa u kolleġġjata fl-1745. [1] Iżda x-xogħol fuq il-bini tagħha baqa' sejjer fis-snin ta' wara.[2]

Fis-seklu dsatax sar ukoll xogħol ieħor ta' bini marbut ma' l-istess knisja. Dan ix-xogħol inbeda madwar l-1860 u tlesta fl-1866. F'gazzetta lokali ta' l'1866, insibu mniżżel hekk "questo magnifico tempio toccato in epoche diverse non fu condotto al suo termine che l'anno corrente per cura del M.R. Canonico Giuseppe Mifsud". Għax matul perijodu ta' sitt snin, bil-koperazzjoni ta' l-imsemmi Prokuratur, ġie mtella xi xogħol ta' Bini ma l-istess knisja. Dan ix-xogħol kien jinkludi sagristija oħra simili għal dik li kienet diġa teżisti, xogħol ta' bini fuq ix-xellug tal-koppla fuq barra, u fuq il-kuridur li jgħaqqad iż-żewġ sagristiji ġiet mibnija Aula Kapitulari. Ix-xogħol kollu sar taħt id-direzzjoni ta' Mastru Giużeppi Mangion, minn B'Kara.[3]

## STATWI

Fil perijodu li qegħdin nitkellmu fuqu saru żewġ statwi ġodda.

Fis-seklu l-ieħor, il-Festa tal-Madonna tad-duttrina kienet tiġi ċċelebrata b'solennita' kbira fil-kolleġġjata Elenjana.[4] Fl-1870 din il-festa ġiet iċċelebrata l-Ħadd, 29 ta' Mejju. Insibu li f'din l-okkażżjoni numru kbir ta' nies marru B'Kara mhux biss għax il-festa kienet popolari, iżda wkoll biex jaraw ix-xbieha l-ġdida tal-Madonna.[5]

Sitta u tletin sena wara, nhar il-Ħadd 11 ta' Novembru 1906, kellha tiġi iċċelebrata għall-ewwel darba fil-Kolleġġjata Elenjana l-Festa tal-Madonna tal' l-Erwieħ. Għal din l-okkażżjoni kellhom jiżżanżnu tliet opri.

Il-Festa saret kif ġie mħabbar. L-Istatwa li żżanżnet kienet dik tal-Madonna

ta' l-Erwieħ. Inħadmet minn Karlu Darmanin, kien fiha 6 persunaġġi u qamet Lm48. Ħallasha Giovanni Micallef.(6)

Insibu li nhar is-27 ta' Gunju 1875, fil-Knisja Kolleġġjata ta' B'Kara, ingħata bidu għad-devozzjoni lejn is-Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù. Għaldaqstant, wara nofsinhar, ftit qabel ma tkanta l-Għasar, il-Kan. Prepostu bierek kwadru żgħir li juri lis-Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Gesu, li mbagħad tqiegħed fuq l-altar tal-Madonna taċ-Ċintura. Wara l-kant ta' l-Għasar, għamel priedka Dun Ġwann Buġeja, li spjega l-oriġini u s-sinifikat tat-titlu tas-Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Ġesù. Dun Ġwann Buġeja temm id-diskors tiegħu billi ħeġġeġ lill-fidili biex jinkitbu f'din id-devozzjoni, u din l-istedina ġiet aċċettata minn numru kbir ta' fidili, li fl-istess jum inkitbu f'dik il-Kongregazzjoni. Nafu wkoll li fl-istess jum, fl-ewwel quddiesa parrokkjali, l-Kan. Prepostu spjega il-vantaġġi, kundizzjonijiet u l-Indulġenzi ta' din il-Kongregazzjoni. Għalkemm ma jingħadx x'kien l-isem ta' din il-Kongregazzjoni jidher aktarx li din kienet xi kongregazzjoni taħt l-isem tas-Sinjura Tagħna tal-Qalb ta' Gesu.(7)

Fl-istess sena (1875) sar ir-restawr ta' wieħed mill-kwadri ta' l-artali laterali tal-Kolleġġjata Elenjana minn Salvu Micallef. Dan il-kwadru kien juri lill-Madonna Mtella' s-sema flimkien ma' San Ġużepp u San Duminku, li qabel kien fil-Knisja l-Qadima. Dan ix-xogħol sar bit-tħabrik tal-Prokuratur Dun Naz Micallef.(8) Seba' snin wara, fl-1882, Salvu Micallef għamel xogħol ta' restawr fuq il-kwadru ta' l-altar tal-Kunċizzjoni. Skond gazzetta lokali dan il-kwadru ta' awtur mhux magħruf li kien ilu li sar "ġie restawrat u kważi mpitter mill-ġdid minn Salvu Micallef". (9)

F'gazzetta lokali ta' l-1897, insibu tagħrif dwar pittura tal-Profs. F. Venuti għall-Kolleġġjata Elenjana. Dawn kienu erba' Evanġelisti fl-angoli ta' waħda mill-kappelli, u xena tat-Twelid ta' Gesu .(10) L-istess Pittur Venuti ħadem ukoll xogħol ta' pittura għall-kappella ta' San Ġużepp u dan ix-xogħol ġie deskritt bħala ġdid f'gazzetta ta' l-1898. Fil-Kopletta, Venuti pitter ix-xena li turi lill-Papa Piju IX imdawwar mill-Qorti tiegħu fil-15 ta' Diċembru 1870, meta ddikjara lil San Guzepp bħala Patrun tal-Knisja Universali, u erba' patrijarki fil "pennachioni" (11).

## OPRI OĦRA

F'xi snin qabel l-1866, saru fil-kolleġġjata Elenjana "varii preziosi arredi" (diversi biċċiet ta' tiżjin) għall-knisja. Fosthom insibu erba' sopratvalji tas-satin irrakmati bid-deheb. Dik ta' l-altar maġġur kienet tispikka fuq l-oħrajn. Din kienet tas-satin aħmar irrakmat bid-deheb, u mżejna b'ħafna u vari ħaġriet prezzjużi. Din is-sopratvalja ta' artal maġġur inħadmet mis-Sinjorina Gużeppa Pajas, fuq dis-inn ta' Mastru Franġisk Bonnici. (12)

Fl-okkazjoni tal-festa titulari ta' Sant Elena ta' l-1866, intramaw għall-ewwel darba fuq l-altar maġġur sitt mazzi tal-fjuri artifiċjali, maħdumin mill-ħarir ta' diversi kuluri b'ħjut tad-deheb u tal-fidda, disinn u xogħol ta' Reġina Attard. Ġie mżanżan

ukoll umeral ta-"canavaccio d'oro" xogħol ta' Marianna Cilia .[13]

Fl-1894, fl-okkazjoni tal-Festa ta' Corpus Domini żanżnu baldakkin tal-purċissjoni "sabiħ u prezzjuż wisq, opra mħollija mis-Sinjorina Reġina Attard". Sewa fuq Lm300[14] filwaqt li fi krqnaka tal-Festa titulari ta' l-1900, jingħata prosit lill-artista Cannatci tal-lampier sabiħ li ħadem u li jiswa għal Lm80 deheb, u li tqiegħed quddiem l-altar tal-kor. [15]

**Winston Laurence Zammit, B.A. (Hons); M.A.**
*8/6/1988*

1. V Buhagiar, Tagħrif fuq il-paroċċa Kolleġġjata Bażilika ta' Santa Liena, B'Kara
(1984) p.4. E. B. Vella, Storja ta' B'Kara bil-Kolleġġjata tagħha (1934) p. 229.
2. E. B. Vella, op. cit. p. 231-234, Il-Koppla tlestiet fl-1760, E.B. Vella, op. cit. p.233.
3. L'Ordine 21 - IX- 1866
4. Ara L'Ordine 2 - VI - 1870, La Croce di Malta 24.V.1871, Lo S. Mascheratore 31.V.1873, The Malta News 20-V-1874, The Malta News 12-V-1875, 31-V-1876.
5. L'Ordine 2-V-1870, Fil-Kronaka ta' din il-Festa fil-Gazzetta msemmija jingħad li ħafna nies marru B'Kara, mhux biss għax il-festa kienet popolari, iżda biex jammiraw " la nuova bella immagine della Gran Maestra di Verità" il-Kelma 'immagine', u m'hemmx indikazzjoni ċara jekk hux statwa jew le. Fil-ktieb Ġabra ta' Mħabba u Storja Elenjana 1976, taħt Noti Editorjali p.28, insibu li fl-1870 saru l-istatwa tal-Madonna tad-Duttrina u affarijiet oħra. Aktarx mela li l-kelma "immagine" tfisser statwa.
6. Malta Tagħna, 10-XI-1906, 17-XI-1906
7. Fede ed Aziare, 3-VII-1875
8. Ibid.
9. Ibid. 12-XII-1882
10. Gazzetta di Malta, Corrieri Mercantile Maltese 31-V-1897
11. Il Patriota, 21-IV-1898
12. L'Ordine, 21-IX-1866
13. Ibid.
14. Id-Devot ta' Marija, Ġunju 1894, p.105
15. Malta Tagħna, 1-X-1900